

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika

COM(2009) 14 finali – 2009/0001 (COD)

(2009/C 228/13)

Nhar it-3 ta' Frar 2009, il-Kunsill iddeċieda, b'konformità mal-Artikolu 95 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

"il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi programm Komunitarju għall-appoġġ ta' attivitajiet speċifiċi fil-qasam tas-servizzi finanzjarji, tar-rappurtar finanzjarju u l-verifika"

Fl-24 ta' Frar 2009, il-Bureau tal-Kumitat ta' istruzzjonijiet lis-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produttjoni u l-Konsum sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett.

Minħabba l-urġenza tal-ħidma, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda matul l-452 Sessjoni Plenarja tiegħu tal-24 u l-25 ta' Marzu 2009 (seduta tal-24 ta' Marzu) li jaħtar lis-Sur BURANI bħala Rapporteur Ġenerali, u adotta din l-opinjoni b'95 vot favur, 3 voti kontra u 14-il astensjoni.

1. Sinteżi u konklużjonijiet

1.1 Il-kriżi li għaddejja bħalissa titlob għal eżami mill-ġdid tar-regoli li jigvernaw l-attivitajiet finanzjarji; fir-rigward tas-**superviżjoni**, ir-rapport tal-Grupp ipprevedut minn Jacques de Larosière jistipula numru ta' rakkomandazzjonijiet li fl-istess waqt jikkostitwixxu analiżi bir-reqqa tan-nuqqasijiet fir-regoli u l-prattiki tal-passat.

1.2 Il-proposta tal-Kummissjoni li qed tiġi kkunsidrata hija konformi ma' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, u f'sens tantiċipahom. Talloka fondi Komunitarji għal **għotjiet** għat-tliet strutturi ta' appoġġ tekniku u legali tal-Kumitati tas-Superviżuri: EFRAG, IASCF u PIOB. Dawn l-għotjiet huma maħsuba biex jiżguraw l-indipendenza ta' dawn il-korpi minn influwenzi esterni. Il-KESE jaqbel iżda jixtieq jirrimarka li t-tliet korpi nħolqu mis-setturi għal dawk l-istess setturi, u li anke fejn l-istandards huma inkorporati fir-regoli tal-UE u dawk internazzjonali, jibqgħu korpi tas-settur privat. Huwa **diffiċli li wieħed jissepara l-interess pubbliku mill-attivitajiet li jsiru fisem dawn is-setturi**.

1.3 Huwa previst ukoll **kontribut finanzjarju għal azzjonijiet speċifiċi tal-Kumitati tas-Superviżuri**, li huma korpi konsultattivi ta' appoġġ stabbiliti mill-Kummissjoni u magħmulin minn rappreżentanti mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali tal-Istati Membri. L-azzjonijiet speċifiċi huma identifikati bħala t-taħriġ tal-persunal ta' awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-ġestjoni ta' proġetti tat-teknoloġija tal-informazzjoni. Il-KESE għandu d-dubji dwar dan il-punt; peress li l-benefiċċjarji tat-taħriġ u tal-proġetti huma l-Istati Membri **m'huwixx ċar għal-fejn għandhom jintużaw fondi tal-UE**.

2. Daħla

2.1 Il-kriżi internazzjonali li għaddejja bħalissa kkawżat, u tkompli tkun il-kawża ta' danni kbar li għalissa ma jistax jiġi evalwat sew kemm ser ilaħqu, iżda li żgur ser ikunu importanti ħafna. Barra mill-konsegwenzi gravi ekonomiċi u soċjali, kien hemm riżultat wieħed pożittiv: ġie għet **evalwazzjoni stretta tal-istandards** applikati mid-dinja finanzjarja s'issa **u taċ-ċertezzi** li sfukaw il-perċezzjonijiet tar-riskju inerenti fl-attivitajiet finanzjarji kollha.

2.2 Evalwazzjoni mill-ġdid bħal din titlob awtokritika sinċiera mill-partijiet interessati kollha li nqabdu fil-bufura, fir-rigward tal-kondotta, l-evalwazzjonijiet u l-azzjonijiet tagħhom stess. Atturi finanzjarji, leġiżlaturi, awtoritajiet ta' monitoraġġ, aġenziji tar-rating, ekonomisti – kollha kemm huma huma responsabbli. Minn naħa l-oħra, ħadd minnhom mhuwa responsabbli waħdu. Avvenimenti li għadhom qed jiżvolġu u r-rikapitulazzjoni ta' azzjonijiet tal-passat juru li **l-kriżi hija r-riżultat ta' numru ta' fatturi konkomettententi u interdipendenti**.

2.3 Tiskipikka fost il-ħafna kawżi tal-kriżi is-**superviżjoni dgħajfa**. Ir-regoli deħru li kienu mfassla tajjeb iżda fil-prattika ma setgħux ilaħqu mal-konsegwenzi magħrufa sew, u wisq inqas li jippreveduhom; u f'xi waqtiet, kienu l-kawża. L-analiżi tas-sitwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet għat-tiswija ta' dawn in-nuqqasijiet huma stipulati fir-**rapport tal-Grupp de Larosière**. B'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp, u biex tantiċipahom fil-waqt opportun, il-Kummissjoni ppreżentat proposta sabiex jiġi stabbilit programm Komunitarja li **jappoġġja attivitajiet li ser jipprovdur strumenti għas-superviżjoni ta' attivitajiet finanzjarji b'mod iktar effettiv**.

2.4 Il-programm jaħseb għal **għotjiet lil tliet strutturi legali** sabiex jingħata appoġġ tekniku u legali lill-awtoritajiet superviżorji fil-qasam **tat-titoli, tal-banek, tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet**. It-tliet strutturi ta' appoġġ legali għar-**rappurtar finanzjarju** huma l-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rappurtar Finanzjarju (**EFRAG**) u l-Fondazzjoni tal-Kumitat tal-Istandards ta' Kontabilità Internazzjonali (**IASCF**); u għall-**verifika**, il-Bord tal-Iskrutinju tal-Interess Pubbliku (**PIOB**).

2.5 Huwa previst ukoll **kontribut finanzjarju għal azzjonijiet speċifiċi tal-Kumitati tas-Superviżuri**, li huma korpi konsultattivi ta' appoġġ indipendenti mingħajr personalità ġuridika stabbiliti mill-Kummissjoni fit-tliet oqsma u magħmulin mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali. Dawn il-korpi jaġixxu bħala korpi ta' dibattitu, riflessjoni u konsultazzjoni għall-Kummissjoni u "jikkontribwixxu favur l-implimentazzjoni konsistenti u f'waqtha tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fl-Istati Membri". It-tliet kumitati m'għandhom personalità ġuridika; sabiex ikunu jistgħu jagħmlu kuntratti ma' partijiet terzi, kien neċessarju li jitwaqqfu **strutturi ta' appoġġ** b'personalità ġuridika għal kull wieħed mill-Istati Membri fejn jinsabu dawn il-kumitati, jiġifieri fir-Renju Unit għas-superviżjoni bankarja (**CEBS**), Franza għat-titoli (**CESR**), u l-Ġermanja għall-assigurazzjoni u l-pensjonijiet (**CEIOPS**).

3. Osservazzjonijiet u kummenti

3.1 Il-Kumitat jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni sabiex jiġu pprovduti strumenti dejjem iktar sofistikati għas-superviżjoni tas-settur finanzjarju, konformi mar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp de Larosière. Madankollu, jinnota li ma sarux innovazzjonijiet fil-missjonijiet jew il-funzjonijiet tat-tliet strutturi legali li se jibbenefikaw mill-għotjiet jew fil-kumitati li se jirċievu l-kontributi finanzjarji. B'hekk, il-kontributi finanzjarji jservu biex itejbu s-sitwazzjoni attwali, u dan jindika sodisfazzjon bl-istrutturi proprji, iżda wkoll il-ħtieġa li jittejjbu jew jissaħħu s-servizzi li dawn jipprovdu.

3.2 Iż-żewġ korpi li joperaw fil-qasam tar-**rappurtar finanzjarju**, l-IASCF u l-EFRAG, huma stabbiliti fuq standards internazzjonali tal-kontabilità ta' kwalità għolja ħafna, u dawn huma parzjalment inkorporati fil-liġi Komunitarja. Skont il-Kummissjoni huma jiżguraw li "investituri, kredituri u partijiet interessati oħra jkollhom aċċess għal informazzjoni f'waqtha, affidabbli u rilevanti dwar il-qagħda finanzjarja tal-kumpaniji". Il-fatti juru li din is-stqarrija m'hijiex minnha. Qabel ma jitwettqu xi riformi, daww li jieħdu d-deċiżjonijiet iridu jwieġbu l-**mistoqsija dwar jekk il-falliment kienx minħabba standards tal-kontabilità dgħajfa jew l-applikazzjoni traskurata tar-regoli tal-kontabilità**.

3.2.1 Fl-iktar settur sensitiv fejn ġew identifikati ħafna nuqqasijiet, jiġifieri **s-swieq tat-titoli**, fejn ir-regoli tal-IASCF u tal-EFRAG japplikaw, il-Kummissjoni tenfasizza b'mod espliċitu l-importanza vitali tal-indipendenza minn "influenza mhux xierqa minn partijiet b'interess" u minn "finanzjament mhux diversifikat, volontarju minn partijiet interessati" bħala waħda mill-ġustifikazzjonijiet għall-għotjiet. Il-kwistjoni tqajmet fil-passat fil-Kunsill tal-ECOFIN u fil-Parlament Ewropew. Madankollu, issa toħroġ fid-dieher mistoqsija oħra: billi dawn il-korpi jesigū r-riżorsi biex iwettqu il-funzjoni sensitiva tagħhom, "**għotja**" **hija biżżejjed biex tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom?** Il-KESE huwa tal-fehma li din il-mistoqsija jistħoqilha analiżi iktar profonda.

3.3 L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod għall-**verifika** fir-rigward tal-għotja lill-PIOB, il-korp li jissorvelja l-proċess li jwassal għall-adozzjoni tal-ISA (Standards Internazzjonali għall-Verifika) u attivitajiet oħra ta' interess pubbliku tal-IFAC (Federazzjoni Internazzjonali tal-Accountants). Il-possibiltà tal-introduzzjoni tal-ISA fil-liġi Komunitarja (Direttiva 2006/43/KE) tiġġustifika l-interess fin-**newtralità tar-regoli** u l-fatt li l-Kummissjoni hija rappreżentata minn tnejn mill-għaxar membri fil-korpi ġestjonali tal-PIOB.

3.4 Biex nagħlqu s-suġġett tal-"għotjiet", il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li l-korpi responsabbli għall-istandards internazzjonali jiġu pprovduti b'mezzi suffiċjenti sabiex jiżguraw l-effiċjenza u l-indipendenza ta' ħidmiethom. Dan il-punt isir kemm-il darba, fi kliem ftit jew wisq espliċitu, li hija indikazzjoni ċara li teżisti problema bażika. Dawn il-korpi ġew stabbiliti mis-setturi sabiex jistipulaw ir-regoli u l-istandards għas-setturi stess; jibqgħu korpi tas-settur privat, anke meta dawn ir-regoli u standards jiġu inkorporati fil-liġi pubblika. F'dan l-istadju isir diffiċli, fi kwalunkwe korp, li wieħed **jiddistingwi l-interess pubbliku mill-attivitajiet li jsiru fisem isetturi** li għandhom kontroll ġuridiku fuq dak il-korp.

3.5 Kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-**Kumitati tas-Superviżuri** għandhom għan speċifiku: l-appoġġ tat-**taħriġ tal-persunal** tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-**ġestjoni ta' proġetti tat-teknoloġija tal-informazzjoni**. Kif diġà ġie mfisser, dawn il-kumitati huma korpi konsultattivi indipendenti stabbiliti mill-Kummissjoni u magħmulin mill-awtoritajiet nazzjonali. It-taħriġ tal-persunali (rakkomandazzjoni 19 tar-Rapport de Larosière) u l-ġestjoni tal-proġetti huma bla dubju importanti barra milli huma wkoll kompletament għall-benefiċċju tal-Istati Membri: **il-KESE ma jistax jifhem għalfejn dawn l-azzjonijiet m'għandhomx jiġu ffinanzjati mill-Istati Membri stess minflok mir-riżorsi Komunitarji**.

3.6 Fl-aħħar tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni ssemmi l-ħtieġa li jiġi introdott kriterju ta' flessibilità fl-għażla tal-benefiċċjarji għall-għotjiet: analiżi ulterjuri tal-arranġamenti għall-indirizzar tal-kriżi tista' tiżvela l-ħtieġa biex jitwaqqfu iktar korpi jew jingħataw kompetenzi ġodda lil dawk li diġà jeżistu. Għaldaqstant, jista' jagħti l-każ li jkun meħtieġ li jiżdied benefiċjarju ġdid ma' dawk li diġà ġew identifikati. Il-KESE ma jsibx oġġezzjoni għal dan, iżda jixtieq jerġa' jfakkar dwar il-ħtieġa li **tiġi evitata kull żjieda mhux neċessarja fin-numru ta' korpi** involuti fil-programm. Ikun aħjar jekk, safejn hu possibbli, jiġu estiżi l-funzjonijiet tal-korpi li diġà jeżistu.

Brussell, l-24 ta' Marzu 2009.

Il-President
tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Mario SEPI
